DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1479

tat-3 ta' Ottubru 2018

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sulfuril tal-fluworur għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) Is-sustanza attiva sulfuril tal-fluworur ddaħħlet fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) biex tintuża fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8, u b'hekk skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 hija meqjusa li hi approvata skont dak ir-Regolament soġġett għall-ispeċifikazzjonijiet u għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(2) L-approvazzjoni tas-sulfuril tal-fluworur għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 se tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018. Fit-28 ta' Ġunju 2017 tressqet applikazzjoni għat-tiġdid tal-approvazzjoni ta' din is-sustanza attiva, bi qbil mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(3) L-awtorità kompetenti li tevalwa tal-Iżvezja infurmat lis-servizzi tal-Kummissjoni fl-14 ta' Frar 2018 dwar id-deċiżjoni tagħha skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 li trid titwettaq evalwazzjoni sħiħa. Biex issir evalwazzjoni sħiħa jingħata perjodu ta' 365 jum skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament (UE). Skont l-Artikolu 8(2) ta' dak ir-Regolament, waqt din l-evalwazzjoni, l-awtorità kompetenti li tevalwa tista', jekk ikun hemm il-bżonn, titlob li l-applikant jipprovdi biżżejjed data għat-twettiq tal-evalwazzjoni. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li b'kollox ma jistax jaqbeż total ta' 180 jum sakemm dan ma jkunx iġġustifikat minħabba t-tip ta' data li tintalab jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali.

(4) Skont l-Artikolu 14(3) ta' tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") trid tħejji opinjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva u tippreżentaha lill-Kummissjoni.

(5) Għaldaqstant, għal raġunijiet li mhumiex fil-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni tas-sulfuril tal-fluworur għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 x'aktarx li se tiskadi qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk jixraq li tiġi posposta d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sulfuril tal-fluworur għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 għal perjodu ta' żmien twil biżżejjed biex ikun jista' jsir l-istudju tal-applikazzjoni. Meta wieħed iqis il-perjodi ta' żmien permessi għall-evalwazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa u għat-tħejjija u għall-preżentazzjoni ta' opinjoni mill-Aġenzija, huwa xieraq li tiġi posposta d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni sat-30 ta' Ġunju 2021.

(6) Minbarra d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, jenħtieġ li s-sulfuril tal-fluworur għall-użu fi prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 jibqa' approvat suġġett għall-ispeċifikazzjonijiet u għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tas-sulfuril tal-fluworur għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip 8 hija posposta għat-30 ta' Ġunju 2021.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.
([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER